VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,197, 21 ta' Jannar, 2014
Taqsima B

A.L. 24 tal-2014

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR (KAP. 368)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar id-Drittijiet ta' Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 20 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 65.24

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2014.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "sal- 31 ta' Diċembru, 2013" għandhom jidħlu l-kliem "sal-31 ta' Marzu, 2015".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ma tkunx ġiet skrappjata jew ma tkunx se tiġi skrappjata" għandhom jidħlu l-kliem "ma tkunx ġiet skrappjata jew garaxxjata jew ma tkunx se tiġi skrappjata jew garaxxjata".